# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 2**

**Ċitazzjoni Numru 21/2001/3 PC**

**Richard Attard u martu Raffaela Attard li b'nota tat-2 ta' Diċembru 2013 l-istess attriċi ċediet din il-kawża limitatament għal dak li jirrigwarda l-interessi tagħha**

***v.***

**Road Construction Co. Ltd; Victor Hili; Joseph Grima**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tal-24 ta' Novembru 2015, li biha sabet li s-soċjeta' konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fid-29 ta' Novembru 2000 li fih korra l-attur u konsegwentement ordnat lill-istess soċjeta'

konvenuta sabiex tħallas kumpens lill-attur fl-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf, tmien mija disgħa u tletin euro (€55,839), bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-pagament effettiv, bħala danni.

2. Il-fatti li wasslu għall-każ tallum ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Dan l-inċident seħħ fid-29 ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) meta molla li sservi ta' *counter balance* f'waħda miż-żewġ rampi ta' *low loader* spartat għal fuq l-attur hekk kif kien għadu kemm tella' din ir-rampa. Dakinhar l-attur kien impjegat tas-soċjeta' konvenuta Road Construction Company Limited, u kien għadu kemm wasal bi *trailer* li fuqu kellu gaffa (*JCB*) fi triq f'Għajnsielem fejn kellu jsir xi xogħol ta' tqattigħ u skavazzjoni fi *plot* tal-bini.»

3. Peress li dehrilhom illi l-konvenuti jew uħud minnhom huma responsabbli għal dan l-inċident, l-atturi fetħu din il-kawża fejn talbu lill-qorti sabiex:

> »1. tiddikjarahom [lill-konvenuti] responsabbli għall-inċident tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) fuq imsemmi u li fih sefa korrut l-attur Richard Attard.
>
> »2. tiddikjara illi konsegwenza ta' dak l-istess inċident l-atturi sofrew danni konsistenti kemm f'danni emerġenti kif ukoll lukri ċessanti.
>
> »3. tillikwida dawn id-danni jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi.
>
> »4. tordna lil konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu dawn id-danni lil atturi.
>
> »bl-ispejjes kollha u l-*VAT* inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-18 ta' Jannar 2001 u dawk ta' l-ittra uffiċċjali spedita f'Jannar 2001. Il-konvenuti kollha jinsabu minn issa mħarka għas-subizzjoni.« [1]

4. Il-konvenuti wieġbu kif ġej għar-rikors tal-atturi:

> »1. illi d-domandi attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt;
>
> »2. li l-esponenti ma kienu b'ebda mod responsabbli għall-inċident li wassal għal din il-kawża. Il-fatt li dan kien inċident sfortunat u kkaġuna

[1] L-attriċi ressqet nota fit-2 ta' Diċembru 2013 li biha ċediet il-kawża għal dak li jirrigwarda l-interessi tagħha. Ara *foll.* 585, 586 tal-proċess.

danni severi lill-attur ma jfissirx li għall-istess inċident għandhom iwieġbu l-eċċipjenti jew xi ħadd minnhom.

»Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta Road Construction Company Limited responsabbli għall-inċident tad-29 ta' Novembru 2000 li fih safa korrut l-attur Richard Attard;

»2. Tiddikjara illi konsegwenza ta' dan l-istess inċident l-attur sofra danni konsistenti kemm f'danni emerġenti kif ukoll lukri ċessanti;

»3. Tillikwida l-ammont dovut lill-attur in linea ta' danni minħabba dan l-inċident fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, tmien mija disgħa u tletin euro (€55,839); u

»4. Tikkundanna lill-istess soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lill-attur s-somma hekk likwidata; bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

»Bl-ispejjeż kollha u l-*VAT*, inklużi dawk ta' l-ittra interprellatorja tat-18 ta' Jannar 2001 u dawk tal-ittra uffiċċjali spedita f'Jannar 2001, kontra l-istess soċjeta' konvenuta.»

6. Il-konsiderazzjonijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat:

»Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-atturi (illum qed titkompla mill-attur biss) in segwitu għal inċident li fih l-attur korra serjament fuq ix-xogħol.

»Konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur qed ibati minn debilita' permanenti li rrendietu inkapaċi għax-xogħol. L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-*Lex Aquilia*, li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' dolo, jew il-kważi delitt, f'każ ta' *colpa*, kif jippretendi li hu l-każ presenti l-attur.

»… … …

»L-unika xhud okulari ta' dan l-inċident kien Steve Cutajar li dakinhar kien joqgħod fl-istess triq, kien jaf lill-attur, u offra li jgħinu biex itella' r-rampi tat-trailer. Lis-surġent Joseph Mizzi li investiga l-inċident, dan ixxhud a tempo vergine qallu:

> »"Jiena ma nahdimx mal-kumpanija Road Construction izda meta rajt lil Richard Attard jipprova jtella' ir-rampa, kien mort ngħinu. Meta tellajna ir-rampa tax-xellug il-molla baqgħet isfel. Sekondi wara li l-bieba kienet fuq, il-molla telgħet wahida b'sahha kbira u laqtitu, għollietu mbagħad waqa' għal tulu fl-art. Wara tlajt fit-trakk, tfejtu u poggejt il-gebel mar-roti biex jekk tinzel il-pressjoni tal-arja it-trakk ma jimxix."

»Fl-affidavit tiegħu ppresentat f'din il-kawża, l-istess xhud fisser dan linċident f'iżjed dettal bil-mod segwenti:

»"… X'hin wasalt fejn id-dar, rajt lil Rikardu Attard xi erbat idjar 'il fuq. X'hin rajtu huwa kien qed jirriversja biz-ziemel (u cioe' truck mingħajr kaxxa) li miegħu kellu mwahhal il-low loader u fuq il-low loader kien hemm il-hymac. Fuq il-low loader kien hemm il-martell. Rikardu Attard kien qed jirriversja fittriq. Iz-ziemel kien qed ihares lejn Simerat Street fid-direzzjoni tal-Qala. X'hin rajtu jirriversja jiena mort fejnu. Huwa ried jirriversja z-ziemel b'tali mod biex l-id tal-hymac tgħaddi minn mal-bini u b'hekk huwa jkun jista' jaqbad il-martell bil-banju tal-gaffa li kienet imwahhla mal-hymac, idur biha u jitfa' l-martell mal-hymac gol-għalqa. Sadanittant huwa hareg mit-truck u nizzilna r-rampi sabiex il-hymac tkun tista' terga' lura bizzejjed halli tkun tista' ddur għaliex bir-rampi mtella il-hymac tkun mar-rampi ezatt. Irrid ngħid li rampi l-low loader għandu tnejn marbutin b'zewgt ihbula. Jiena hallejt habel u Rikardu Attard hall l-habel l-iehor u flimkien nizzilna z-zewg rampi. Wara huwa startja l-hymac u jiena mort nghinu fis-sens illi huwa dahal ghal gol-ghalqa u jiena tajtu daqqa t'id billi rbattlu l-martell mal-banju permezz ta' katina u xikel.

»Malli rbatlu il-martell, Rikardu Attard dawwar il-hymac u pogga l-martell gol-ghalqa u jiena mort hallejtlu l-katina. X'hin hallejt il-katina, Rikardu Attard rega' dawwar il-hymac dritt, kif kien qabel fuq il-low loader.

»X'hin gibed il-low loader dritta, huwa ra li ma kellux wisa' bizzejjed bejn it-triq u l-għalqa biex ihott il-hymac. Għalhekk ried iregga b'lura biex igib il-low loader fil-post biex il-hymac jinzel direttament gol-ghalqa.

»Allura z-zewg rampi riedu jergghu jitilgħu f'posthom biex huwa jkun jista' jregga' il-low loader lura.

»Irrid nispjega illi dawn iz-zewg rampi għandhom molla taht biex tgħin il-piz tar-rampi b'tali mod u manjera li sservi ta' kontro piz. Bdejna intellgħu rampa minnhom. Huwa kien in-naha tal-bini ihares lejn Għajnsielem u jiena in-naha l-oħra lejn id-direzzjoni tan-Nadur. Konna idejna lejn ir-rampa, ninbuttawaha 'l fuq biex ir-rampa titla'. Ir-rampa tellajniha. Jiena ergajt lura u qabbadt sigarett u offrejt iehor lil Rikardu Attard. Kont għadni lanqas spiccajt li lil Rikardu Attard għidtlu tridx sigarett, malli smajt bhal tqanziha kbira bhal ma wiehed jiehu daqqa kbira u rajt lil Rikardu fl-ajru jtir m'għola tlettax-il filata. Smajt ukoll ic-channel diehel postu wara li laqat lil Rikardu Attard.

»Rikardu Attard instabat mal-art, gie fuq genbu, aktarx li laqat nagħsu mal-art u ntilef minn sensih…"

»L-attur li xehed għall-aħħar tal-kawża qal:

»"… Jiena jidhirli li mal-kumpanija konvenuta hdimt għal madwar erba' snin u x-xogħol li kien jafdani id-direttur magħruf bhala tal-Magun kien xogħol li kont kapaci nagħmlu. Sahansitra kont inkun wahdi.

»Ix-xogħol tiegħi kien li insuq it-trukkijiet u lhaqt hdimt fil-barriera bil-himac u gieli qtajt il-blat minn barra. Meta gara l-incident, niftakar li kont il-Qala u lestejt ix-xogħol hemmhekk u allura hadt il-makkinarju Għajnsielem biex inkun lest għall-għada. Pero' meta gejt biex innizzel ir-rampa twila ta' madwar seba' piedi tat-trailer li ahna konna nsejhulu il-low loader, bhal ma s-soltu kont nagħmel għaliex il-Magun ma kellux il-low loader jahdem bis-sistema tal-

hydrolic, ridt noqgħod intella' u nnizzel b'idi, naf li nizziltha biex innizzel il-hymac minn fuqha biex ma nhalihiex fuq il-low loader ghal lejl shih. Fil-fatt nizziltha u poggejtha f'postha pero' meta gejt biex nerga' ntella' r-rampi tal-low loader, wahda minnhom tellajtha u x'hin mort biex intella l-ohra gara l-incident.

»Ngħid bil-gurament tiegħi illi l-makkinarju ma kienx fi stat ta' manutenzjoni tajba. Billi jiena generalment kont inkun bil-hymac gieli attirajt l-attenzjoni lil Magun huwa kien jgħidli issa dik ma nirrangawhiex pero' ma kienx jagħti kaz, imma dak għalih erbgħa u erbgħa tmienja. Ngħid illi l-makkinarju kollu tiegħu huwa fi stat ta' nuqqas ta'manutenzjoni kbira imma l-haddiema huma rgiel bhali li jridu jahdmu u ma tista tgħid xejn għaliex tispicca bla xogħol …"

»Joseph Zammit, l-espert mekkaniku nominat fl-inkjesta maġisterjali relattiva għal dan l-inċident biex jeżamina t-trailer in kwistjoni, wasal għal dawn il-konklużjonijiet:

»"… (4) Illi mill-ezamijiet teknici li l-esponent ghamel fuq is-sistemi tar-rampi sab li dawn jahdmu b'sistema manwali u ghandhom sistema ta' molol biex jahdmu bhala kontra piz ghar-rampi biex min ikun qieghed inizzel u jtella' din ir-rampa, dawn il-molol jiehdu l-parti l-kbira tal-piz ta-rampi.

»(5) Illi bis-sistema kif fuq deskritta, dawn ir-rampi jistghu facilment jittellghu u jitnizzlu minn persuna wahda ta' sahha.

»(6) Illi mill-istess ezamijiet teknici li l-esponent ghamel fuq dawn ir-rampi, instab li fuq ir-rampa tax-xellug, fuq ic-cappetti u s-swivel taghha instab tghawwig ikkagunat minn daqqa jew daqqiet fuqu li dan seta' effettwa il-funzjoni taghha.

»(7) Illi fil-fehma tal-esponent l-incident gara billi l-molla ta' sahha kbira li tinsab armata fuq wara sabiex terfa' u tiehu il-piz massimu, din minhabba it-tghawwig fic-cappetti wehlet u f'daqqa wahda u vjolentement telghet u hadet maghha lill-istess Richard Attard."

»Quddiem din il-Qorti l-istess espert kompla jelabora:

»"Jiena kkonstatajt illi t-tghawwig li sibt u l-hsara li sibt fuq ir-rampa tan-naha tax-xellug ma kinitx kagun tal-istess incident ta' dak inhar … peress li kien diga' akkumulat bis-sadid … Ikkonstatajt illi l-incident seta' gie kkagunat minhabba dak it-tghawwig li jiena sibt fuq dawk ic-cappetti …. Din (b'referenza ghar-rampa) tahdem b'sistema ta' kontrapiz, manual, billi tigbidha, li bniedem ikun daqsxejn wahdu tajjeb, imbghad isir balance biex tmur f'postha n-naha l-ohra. Issa moment dik il-molla li taghmel dak ix-xoghol tal-kontrapiz wehlet. Kull ma stajt nikonstata minhabba li wehlet hija kagun ta' dak it-tghawwig. Pero' meta jiena ppuvajtha qatt ma wehlitli…"

»Lawrence Cachia mill-Occupational Health and Safety Unit tad-Department of Industrial and Employment Relations, xehed li huwa aċċeda fuq il-post l-għada li sehh l-inċident, flimkien mal-esperti l-oħra nominati mill-maġistrat inkwirenti. Fuq il-post kien hemm ukoll id-diretturi tal-kumpanija konvenuta. In segwitu għal dan l-aċċess bagħat ittra lil Victor Hili, wieħed mid-diretturi tal-kumpanija fejn wissieh bilmod segwenti:

»"…Ensure that the lowloader used in connection with this accident be given attention, in particular the spring loaded ramp,

> as verbally communicated to you and Mr. J Grima during our inspection.
>
> »You are to repair or replace the main shaft bearing, align the supporting arm (left side)…"

»Din l-ittra ntbgħatet peress li fuq il-post seta' jikkkonstata li "parti mill-bearing (tar-rampa li kienet mgħollija), hemm min isejhila swivel, … kienet mghawwga."

»Minn naħa tiegħu l-espert mekkaniku Philip Attard, nominat minn din il-Qorti, wara li eżamina dan it-trailer fit-30 ta' Novembru 2007 (u ċioe' seba' snin wara li seħħ l-inċident), u ra wkoll il-provi prodotti f'din ilkawża, kkonkluda:

> »"1. Illi minn ezamijiet teknici rrizulta li nnotajt laxk, tgħawwig u daqqiet li jidhru li gew ikkagunati minn snin shah ta' uzu.
>
> »2. Illi saru manuvri tal-hymac JCB (chain driver) biex jitnizzel il-martell (pneumatic drill) fuq il-low loader li holoq kripazzjoni fuq in-naha ta' wara fejn hemm is-sistema tal-molla b'mekkanizmu li sservi ta' kontra piz.
>
> »3. Illi l-marki li gew innotati fuq it-tarmak hdejn is-sieq tal-istess mekkanizmu (ara pjanta tal-AIC Vella) gew krejati bl-istess moviment.
>
> »4. Illi fil-fehma tiegħi bil-krepazzjoni li nholqot fuq is-sistema tal-molla, hemm possibilta' kbira li wehlet għal mument, imbagħad sparat f'daqqa u kien b'hekk illi seta' sehh l-incident fejn l-operatur Richard Attard kien il-vittma."

»Il-konvenut Joe Grima, wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' Road Construction Company Limited, li pero' ma kienx fuq il-post meta seħħ l-inċident, xehed fuq dak li fil-fehma tiegħu jahseb li ġara. Huwa qal:

> »"… Richard Attard kien jahdem maghna, kien igorr il-gaffa u jahdem biha u li naf jien dakinhar meta mar Ghajnsielem biex, fejn insomma sar l-incident, x'hin mar biex inizzel il-gaffa saqha, kien nizzel ir-rampi diga' u saqha bicca minn fuq il-karru biex jinzel u xi hadd qallu li mhux hemm ried jinzel, ried jinzel xi erbghin (40) jew hamsin (50) pied iktar 'il fuq, ried jitharrek minn hemm. U l-gaffa peress li kienet imxiet lejn ir-rampi biex tinzel, hemm qishom palette li jidhru fir-ritratti biex il-karru ma jinzilx go l-art, izommuh bhala sieq (ara ritratt PG 9 a fol.453) u x'hin mar biex itella' r-rampa, dik titla' bil-molla, jigifieri ma jkollokx bzomm ghajnuna, titla', ittellaghha wahdek, peress li kellha din is-sieq maghmula mal-art ma ghiniethiex ir-rampa biex titla' u hu ghajjat lil xi hadd biex jghinu … U x'hin tellghuha, ghax kienet tqila minghajr, peress li l-molla ma kinitx qieghda tghinhom, x'hin tellaghuha mar imiss din is-sieq u din is-sieq kienet maghfusa mal-art, ma kinitx issikkata hafna mal-art ghax il-gaffa ma kinitx qieghda fuqha ghal kollox, kienet imcaqalqa ftit minn postha u l-hadida taret 'il fuq."

»RESPONSABILITA'

»L-attur jikkontendi illi jaħtu għal dan l-inċident il-konvenuti, jew xi ħadd minnhom, talli ma ħadux ħsieb jassikuraw li l-mekkaniżmu fir-rampi ta' dan il-low loader jiffunzjonaw sew u ma jkunux ta' periklu għal min ikun qed jagħmel użu minnu biex jgħabbi l-inġenji tal-kostruzzjoni fuqu. Jista' jingħad mill-ewwel li l-konvenuti fil-kwalita' personali tagħhom ma jistgħu jinstabu ħatja ta' ebda għemil in

konnessjoni mal-inċident mertu ta' din il-kawża. Kulħadd jaqbel li l-attur kien impjegat tal-kumpanija konvenuta meta seħħ dan l-inċident, u li dak il-ħin huwa kien qed jagħmel xogħol fuq inkarigu tagħha. Irid għalhekk jiġi stabilit jekk kienx hemm xi nuqqas da parti ta' din il-kumpanija fil-mod kif kienet qed iżżomm l-inġenji tagħha u jekk dawn kinux fi stat tajjeb biżżejjed ta' manutenzjoni biex ikunu jistgħu jintużaw mingħajr perikolu għallħaddiema tagħha.

»… … …

»Is-soċjeta' konvenuta ma kienet xejn ħlief l-employer tal-attur. Bħala tali kellha l-obbligu li tipprovdi lill-ħaddiema tagħha a safe place of work. … … …

»… … …

»Il-kwistjoni li trid tiġi riżolta f'dan ir-riward hija jekk dak li ġara seħħx minħabba ħsara fil-mekkaniżmu tal-molla tar-rampa tax-xellug tat-trailer tal-kumpanija konvenuta, dovut minħabba nuqqas ta' manutenzjoni fih, kif qed isostni l-attur, inkella kienx hemm xi nuqqas ta' ħila jew traskuraġini da parti tal-attur stess li wassal biex din il-molla taret għal fuqu, kif jikkontendu l-konvenuti.

»M'hemmx dubbju li r-rampa in kwistjoni u l-mekkaniżmu ta' kontropiż tagħha kienu fi stat ta' manutenzjoni fqira. Dan ikkonstatah l-espert mekkaniku Joseph Zammit l-għada li seħħ l-inċident. Iċ-ċappetti kienu mgħawwġa u msadda, u l-kontro piż kien nieqes mil-lubrikazzjoni. Anke l-espert mekkaniku nominat minn din il-Qorti ammetta li l-krepazzjoni, li wasslet lill-molla tar-rampa tax-xellug biex teħel, setgħet kienet dovuta għal wear and tear u nuqqas ta' manutenzjoni. L-uffiċċjal mid-Dipatiment tal-Occupational Health and Safety wkoll ħass il-ħtieġa li jiġbed l-attenzjoni tal-kumpanija konvenuta sabiex tagħmel ir-riparazzjonijiet meħtieġa fuq il-mekkaniżmu tar-rampi tat-trailer. Għal xi raġuni x'ħin l-attur ġie biex itella' r-rampa tax-xellug, il-kontra piż weħel u ma telax mar-rampa, imma spara 'l fuq ftit sekondi wara. Dan ġara minħabba n-nuqqas ta' manutenzjoni msemmija, jew għax is-sieq (palette) tiegħu momentarjament weħlet mal-art minħabba li l-attur tefa' piż żejjed fuqha bil-manuvri tal-gaffa fuq it-trailer, kif jemmnu li ġara l-konvenuti?

»L-unika persuna li setgħet tgħid x'ġara tassew kien Steve Cutajar. Dan iddeskriva b'mod tassew dettaljat il-manuvri kollha li saru sakemm seħħ l-inċident. Wieħed jifhem li l-attur li spiċċa ntilef minn sensih u baqa' ħamest ijiem f'koma ma setax jiftakar id-dettalji kollha ta' dak li ġara, speċjalment meta għamel l-affidavit tiegħu ħdax-il sena wara. Il-konvenut Grima ma kienx presenti, u dak li xehed huwa biss spekulazzjoni.

»Jirriżulta minn dak li fisser ix-xhud Cutajar li r-rampi tat-trailer kienu tniżżlu biex il-*pneumatic drill* (li ma jistax jintrefa' bl-idejn minħabba t-toqol tiegħu) ikun jista' jitniżżel minn fuq it-trailer u jitqiegħed fl-għalqa fejn kellu jsir it-tqattigħ tal-blat. Dan għaliex l-attur ma setax jimmanuvra l-banju tal-JCB li miegħu ntrabat dan id-drill jekk mhux billi jniżżel ir-rampi. Billi mbagħad biex jitniżżel il-JCB stess, ried jitressaq lura t-*trailer*, l-attur, bl-assistenza tax-xhud, bdew itellgħu ir-rampi ħalli t-*truck* li kellu t-*trailer* mqabbad miegħu ikun jista' jinstaq 'il barra. Il-molla tar-rampa tax-xellug spartat hekk kif l-attur, bl-għajnuna tax-xhud, kien għadu kemm tella' din ir-rampa. Kif jidher sew fir-ritratti

Dokti. MX 5 a fol. 126 u MX 12 a fol. 134, il-JCB kien għadu ma ċċaqlaqx mill-posizzjoni tiegħu qiegħed imiss mal-parti ta' quddiem tat-trailer. M'hemm ebda evidenza ta' dak li sostna l-konvenut Grima fix-xhieda tiegħu, li l-JCB kien ġia tressaq għal fuq ir-rampi u kkawża stress fuq il-molla tar-rampa tax-xellug, li momentarjament is-sieq tagħha weħlet mal-art qabel spartat il-fuq. Wisq inqas jista' jiġi aċċettat is-suġġeriment li sar fin-nota ta' sottimissjonijet tal-konvenuta fis-sens illi l-attur ddeċieda li jċaqlaq it-*truck* bir-rampi tat-*trailer* imniżżlin, b'tali mod li s-sieq tal-molla weħlet mal-art. Huwa minnu illi l-perit Guido Vella indika *dent* fl-art fejn kien hemm is-sieq ta' din il-molla. Imma dan mhux neċessarjament ifisser li l-molla weħlet mal-art. Terġa', ma kien hemm ebda sinjal simili taħt ir-rampa l-oħra, li wieħed jifhem li kien ikun hemm kieku il-JCB kien ġia beda jitniżżel fuq ir-rampi, jew iċċaqlaq bir-rampi mniżżlin, kif qed isostnu l-konvenuti. Barra minn hekk wieħed għandu jippretendi li r-rampi tat-trailer għandhom ikunu kapaċi jifilħu ċertu stress, ġialadarba huma intiżi biex ripetutament jgħaddu minn fuqhom inġenji bħal dak li kien hemm fuq dan it-trailer. Anke kieku l-attur ħarrek il-JCB fuq it-trailer, żgur li qatt ma seta' jimmaġina li b'daqshekk ser jikkawża ħsara fuq il-molol tar-rampi. Sinjifikanti wkoll dak li xehed Steve Cutajar, fis-sens li meta mar biex jgħin lill-attur, dan ikkumentalu li dik ir-rampa kienet qed terġa' tittanta.

»Kollox jindika għalhekk li l-kawża ta' dan l-inċident kienet in-nuqqas ta' manutenzjoni fuq ir-rampa tax-xellug ta' dan it-*trailer* u l-mekkaniżmu tal-kontro-piż tagħha. Ma jfisser xejn li inċident bħal dak in eżami qatt ma kien seħħ qabel, għax kif qalet il-Qorti ta' l-Appell, "… l-abbuz tal-bwona fortuna fl-imgħoddi ma jistax jiggustifika n-non-kuranza tal-prezent …"

»In vista ta' dan, ma tħossx li tista' tiġi attribwita ebda negliġenza jew nuqqas ta' ħila fil-konfront tal-attur. Dan kien ilu impjegat mas-soċjeta' konvenuta f'dan ix-xogħol għal iżjed minn erba' snin u ċertament kien jaf il-mestier tiegħu sew.

»F'dawn iċ-ċirkostanzi hija l-fehma ta' din il-Qorti li għal dan l-inċident taħti unikament is-soċjeta' konvenuta li naqset li tassikura li l-inġenji li bihom kellhom jaħdmu l-impjegati tagħha jkunu miżmuma fi stat tajjeb ta' manutenzjoni biex jiġi assikurat li ma jkunux ta' perikolu għalihom.

»LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

»Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Kif ġie osservat mill-qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u inflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi. Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tuża bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali d-diversi modi ta' kompitu suġġeriti mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie.

»Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

»*Damnum Emergens*: Ma jidher li hemm ebda kontestazzjoni dwar l-ispejjeż reklamati mill-attur. Dwar dawn laħqet xehdet Raffaella Attard, fil-bidu tal-kawża, meta kienet għadha attriċi. Dawn kienu jinkludu spejjeż għall-kura li kienet meħtieġa biex jiddewwa zewġha, u huma kompatibbli mal-feriti li ġarrab. Is-somma mitluba tlaħħaq Lm2,632.22ċ, jew aħjar illum €6c131.42ċ. M'hemm l-ebda raġuni għaliex dawn m'għandhomx ikunu ripetibbli.

»*Lucrum Cessans*: Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal piuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell: "Jingħad illi l-qrati tagħna fil-pronuncjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jaghmlu tajjeb ghall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok ghalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali taghhom … Diversi drabi l-qrati taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawza <u>Butler *v.* Heard</u>. Imma kif ġie enfasizzat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawza:

> »"Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna gie kemm-il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita'. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'.

»Għal numru ta' snin il-qrati tagħna fil-maġġior parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilt għall-ewwel darba fil-kawża <u>Butler *v.* Heard</u>. Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jisejjaħ il-*multiplier system* li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qligħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment*. F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmienijiet attwali.

»Fil-każ in eżami nsibu illi l-vittma kien għadu kemm għalaq wieħed u erbgħin (41) sena meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża (twieled 14 ta' Novembru 1959). Huwa ġie ċertifikat mill-espert mediku nominat mill-Qorti li jbati minn debilita' permanenti fil-grad ta' ħamsa u ħamsin filmija (55%). Fil-kawżi li segwew is-sentenza f'<u>Butler *v.* Heard</u> b'mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kinitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqagħlha taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet tittieħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena. Illum il-ġurnata pero' meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi ħafna pajjiżi qed itawwlu wkoll l-eta' tal-pensjoni, ma baqa' ebda raġuni għaliex il-ħajja lavorattiva ma tiġix kalkolata kollha. Il-Qorti taqbel mal-attur li l-*multiplier* f'dan il-każ għandu jkun ta' għoxrin (20) sena, peress li għandu jiġi presunt li l-attur, li kien b'saħtu qabel ma seħħ dan l-inċident, kien ser jibqa' jaħdem sal-eta' tal-pensjoni.

»Mill-*pay slips* esebiti tal-attur jirriżulta li dan kien qed idaħħal paga bażi ta' Lm286 fix-xahar, li fi flus korrenti jġibu: €666.38ċ u li allura jlaħħqu €7,996.56ċ fis-sena. Hawnhekk il-Qorti taqbel mal-konvenuti li

m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni xi *overtime* li jkun għamel l-attur, għax dan u xi *allowances* li jista' jingħata l-impjegat minn żmien għall-ieħor huma elementi inċerti li dwarhom ma hemm ebda garanzija li ser jibqgħu jingħataw bi dritt u mingħajr ebda interruzzjoni.

»Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk: €7,996 (paga bażi) x 20 (snin ta' ħajja lavorattiva li kien għad baqagħlu l-attur) x 55% (debilita'permanenti) x 120% għar-rata ta' inflazzjoni = €105,547. Normalment jitnaqqas is-solitu kwint (1/5) minħabba l-*lump sum payment*, pero' tenut kont id-dewmien sabiex tinqata' din il-kawża, bl-ebda ħtija tal-atturi, hija l-fehma ta' din il-Qorti li issa m'għandu jinqata' xejn mis-somma dovuta għal dan il-fini.

»Il-konvenuti jikkontendu li l-attur għandu jingħata biss nofs l-ammont likwidat bħala danni, u dan għax huma kienu ttransiġew mal-attriċi fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża. L-attur da parti tiegħu isostni li dan il-ftehim kien *res inter alios acta* u m'għandux jippreġudika d-dritt tiegħu li jirċievi kwalunkwe ammont li jiġi likwidat minn din il-Qorti fl-intier tiegħu. Imma kif tajjeb qalu l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward:

> »"Il-fatt illi mart l-attur ma sfatx feruta fl-incident ma jfissirx illi hija ma hix ukoll il-vittma jew li hi totalment estranja għall-każ. Li kieku kien hekk, ma kenitx tidħol bhala attriċi f'din il-kawża.
>
> »"Huwa fatt illi, kawża tal-incident, naqas id-dħul tar-raġel. Imma huwa stabilit fl-artikolu 1320 tal-Kap.16 li:
>
> > »"'1320. Fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu –
> >
> > »"'(*a*) Dak kollu li ż-żewġ partijiet miżżewġa jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom.'
>
> »Għaldaqstant it-telf li sofra l-attur ma sofriehx huwa waħdu, imma sofrietu l-komunjoni tal-akkwisti bejnu u bejn martu. Martu kienet soċju ugwali miegħu f'dik il-komunjoni, u kwindi lilha jmissha nofs minn dak kollu kompriż fiha."

»Għalhekk, ġaladarba l-attriċi aċċettat il-kumpens offrut lilha mis-soċjeta' konvenuta, u konsegwement ċediet il-kawża għal dak li jrrigwarda l-interessi tagħha, huwa dovut lill-attur nofs mill-ammont li ġie likwidat.

»RI-EPILOGU

»Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli u likwidat in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża huwa ssegwenti:

| | |
|---|---|
| »1. *damnun emergens*: | € 6,131 + |
| »2. *lucrum ċessans*: | €105,547 |
| »Total ta: | €111,678 |

»Billi pero', kif ingħad, l-attur għandu jieħu biss nofs dan l-ammont, is-somma dovuta lilu hija ta' €55,839.«

7. Il-konvenuti appellaw b'rikors tal-11 ta' Diċembru 2015 li għalih is-soċjeta' attriċi wieġbet fit-22 ta' Frar 2021.

8. Fl-ewwel aggravju l-konvenuti appellanti jgħidu illi l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni żbaljata meta kkonkludiet illi s-soċjetà konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident li fih korra l-attur. Igħidu illi l-inċident seħħ tort tal-istess attur u jekk, għall-grazzja tal-argument, din il-qorti ssib li s-soċjeta' appellanti kkontribwixxiet b'xi mod għal dan l-inċident, il-kontribuzzjoni tal-attur appellat innifsu għandha titqies li kienet fi grad ferm ikbar minn dik tagħha. Ifissru dan l-ewwel aggravju hekk:

> »L-Ewwel Aggravju
>
> »Dan l-inċident seħħ fid-29 ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) meta l-attur tweġġa' minn molla li sservi ta' counter balance f'waħda miż-żewġ rampi ta' low loader. Dakinher l-attur kien impjegat tas-soċjeta' konvenuta Road Construction Company Limited, u kien għadu kemm wasal bi trailer li fuqu kellu gaffa (JCB) fi triq f'Għajnsielem fejn kellu jsir xi xogħol ta' tqattigħ u skavazzjoni fi plot tal-bini.
>
> »L-unika xhud okulari ta' dan l-inċident kien Steve Cutajar li dakinhar kien joqgħod fl-istess triq, kien jaf lill-attur, u offra li jgħinu biex itella' r-rampi tat-trailer. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li x-xhieda ta' dan Steve Cutajar kienet ta' importanza fundamentali sabiex tiġi stabbilita r-responsabbilta' rispettiva, totali jew kontributorja, taż-żewġ partijiet.
>
> »Fejn żbaljat l-Ewwel Onorabbli Qorti … huwa meta hija kkunsidrat li x-xhieda ta' Steve Cutajar kienet tikkonsisti biss mill-istqarrija li huwa ta lis-surġent Joseph Mizzi a tempo vergine, u l-affidavit li l-istess Cutajar kien ta fuq talba tal-attur. Dan ma huwiex korrett għaliex Cutajar xehed ukoll in kontro-eżami. Madankollu, għal xi raġuni mistura, l-Ewwel Onorabbli Qorti injorat u ttraskurat kompletament dik ix-xhieda in kontro-eżami u l-informazzjoni u dettalji kollha li ħarġu minn dak il-kontro-eżami.
>
> »Issa huwa fatt magħruf li f'xi każijiet, u … dan huwa wieħed minn dawn il-każijiet, l-informazzjoni li tingħata minn xhud waqt il-kontro-eżami tiegħu takkwista ferm iktar importanza, rilevanza, u kredibbilta' minn dak kollu li huwa jkun iddikjara fl-eżami tiegħu, speċjalment jekk dak l-eżami jkun jikkonsisti minn affidavit li possibbilment ikun ġie ppreparat tailor-made sabiex isostni l-verżjoni ta' parti jew oħra.
>
> »Qabel ma jgħaddu sabiex janalizzaw ix-xhieda in kontro-eżami ta' Steve Cutajar, l-esponenti tħoss li jkun opportun li tispjega l-mekkaniżmu tar-rampa li weġġgħet lill-attur:
>
> »Din hija parti integrali mill-lowloader u tintuża sabiex piżijiet tqal (bħal bulldozers jew hymacs) jgħaddu minn fuqha waqt li jkunu jitgħabbew u jitniżżlu minn fuq il-lowloader). Ir-rampa titħaddem bħala flap li ddur f'forma ta' ark kważi 180 grad jew 270 grad skont il-każ – billi x'ħin ma

tkunx tintuża tkun perpendikolari għat-triq u biex tintuża titniżżel sabiex tiforma rampa mil-livell tal-lowloader għat-triq. Ir-rampa hija magħmula minn pjanċa tal-ħadid tqil, proprju għaliex hija intiża sabiex tiflaħ piżijiet tqal. Għaldaqstant minnha nnifisha hija kemxejn tqila żżejjed sabiex bniedem itellagħha bis-saħħa ta' dirgħajh biss. Għalhekk r-rampa jkollha molla li taġixxi bħala kontro-piż, u meta r-rampa tiġi biex tittella' mit-triq, il-molla tgħin lill-operatur billi tiġbed ir-rampa lejha.

»Jekk ir-rampa titħaddem kif suppost, il-molla taġixxi u teżerċita s-saħħa tagħha kif appena l-operatur jagħmel l-isforz huwa sabiex ir-rampa tinqata' minn mat-triq. F'dan il-każ, kien hemm xi ħaġa li żamet lis-"sieq" tar-rampa milli tinqata' mit-triq kif sar l-ewwel sforz mill-operatur, imbagħad iktar tard, il-molla rnexxielha tegħleb ir-reżistenza mhix mistennija, u taqla' lil dik is-sieq, bil-konsegwenza li s-sieq reħiet f'salt u laqtet lil Richard Attard u kkaġunatlu l-feriti li huwa sfortunatament għadu jbati minnhom.

»Issa, mill-kontro-eżami ta' Steve Cutajar jemerġu punti li huma ferm interessanti, sabiex tiġi apprezzata s-sekwenza ta' fatti li wasslu għall-inċident inkwistjoni:

»i. Għalkemm fl-affidavit tiegħu Cutajar indika d-data preċiża meta seħħ l-inċident, huwa jammetti li dik id-data ma kienx jiftakarha u ma jistax jeskludi li meta kien qed jiġi redatt l-affidavit kien hemm xi persuna oħra li niżżlitlu dik id-data.

»ii. Iktar importanti, ix-xhud jgħidilna li r-rampa tniżżlet mal-art qabel ma l-hymac iċċaqlaq mill-punt fejn inizjalment kien fuq il-lowloader.

»iii. Dan sar għaliex intrabat il-martell (li minnu nnifsu jiżen madwar tunnellata – skont ix-xhud stess) mal-hymac u dan il-martell tniżżel fl-għalqa. Għaldaqstant, il-hymac innifsu kien tressaq lura mill-punt fejn kien qiegħed inizjalment.

»iv. X'ħin il-hymac tressaq 'il quddiem mill-ġdid, Attard irrealizza li ħtieġlu jċaqlaq il-lowloader minn postu għaliex, fi kliem ix-xhud, "X'ħin ġibed il-low loader dritta, huwa ra li ma kellux wisa' biżżejjed bejn it-triq u l-għalqa biex iħott il-hymac. Għalhekk ried ireġġa b'lura biex iġib il-low loader fil-post biex il-hymac jinżel direttament ġol-għalqa".

»v. Fil-kontro-eżami, ix-xhud jirrikonoxxi li din il-manuvra taċ-ċaqliq tal-hymac ssarrfet f'tibdil fil-firxa tat-tagħbija fuq il-lowloader.

»Fi kliem iktar tekniku, iċ-ċentru tal-gravita' tal-lowloader bejn il-mument li fih tniżżlu r-rampi mat-triq, u l-mument li fih Attard u Cutajar ippruvaw itellgħuhom lura f'posthom, kien inbidel, kemm għaliex tneħħa l-piż tal-martell li sadattant kien inħatt għal ġol-għalqa, kif ukoll għaliex il-hymac kien iċċaqlaq għal darba darbtejn. Naturalment, Attard ma wera l-ebda attenzjoni partikolari sabiex il-hymac jerġa' jitpoġġa preċiżament fl-istess pożizzjoni fuq il-lowloader li fiha oriġinarjament; u lanqas ma kellu għalfejn jagħmel dan, ġaladarba il-hymac kien ser jitniżżel minn fuq il-lowloader in ogni każ. Barra minn hekk, kien tnaqqas il-piż tal-martell minn fuq il-lowloader u għalhekk kien impossibbli li l-piż fuq il-lowloader jinfirex preċiżament bl-istess mod kif kien oriġinarjament.

»Fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, dan it-tibdil fit-tagħbija fuq il-lowloader issarraf f'tibdil fil-piż fuq kull waħda miż-żewġ rampi. U kien

proprju dan li wassal sabiex waħda mir-rampi teħel mat-triq għaliex kienet ikkrepata iktar milli kienet meta tniżżlet għat-triq.

»Il-kontro-eżami ta' Steve Cutajar jitfa' wkoll dell serju fuq il-kredibbilta' ta' Richard Attard: infatti Attard xehed, fl-affidavit tiegħu, li huwa kien diġa' tella' waħda mir-rampi f'postha mingħajr problemi, imma kellu problema x'ħin ġie biex itella' t-tieni rampa:

»...

»Għall-kuntrarju, Cutajar jirrakkonta li kienet il-molla tal-istess rampa li kienet ittellgħet f'postha u mhux it-tieni rampa li laqtet lil Attard:

»...

»Din ix-xhieda hija wkoll rilevantissima minn aspett ieħor:

»L-inċident ma ġiex ikkaġunat minħabba xi malfunzjonament taċ-ċappetti u swivel li fuqhom iddur ir-rampa, imma minħabba li kienet is-sieq li ġiet ikkrepata mat-triq, u baqgħet ma telgħetx f'postha x'ħin ittellgħet ir-rampa.

»Din ix-xhieda għalhekk tikkontrasta b'mod drammatiku l-konklużjoni tal-espert Joseph Żammit fis-sens li:

> »'(6) Illi mill-istess eżamijiet tekniċi li l-esponent għamel fuq dawn ir-rampi, instab li fuq ir-rampa tax-xellug, fuq iċ-ċappetti u is-swivel tagħha instab tgħawwiġ ikkaġunat minn daqqa jew daqqiet fuqu li dan seta' effettwa il-funzjoni tagħha.'

»Għaliex din il-konklużjoni kienet tkun rilevanti biss kieku kienet ir-rampa nnifisha li weħlet u mbagħad telgħet f'salt u laqtet lill-attur. Ovvjament, la darba s-sieq kienet imwaħħla mat-triq, il-molla ma setgħetx taħdem bil-mod li bih kienet iddisinjata, cjoe' kif appena tintrefa' r-rampa, il-molla sabet resistenza li ma kienx maħsub li ssib. Konsegwentement, ta' molla li hija, il-molla baqgħet tiġbed is-sieq sakemm ir-reżistenza inizjali ntegħlbet u f'dak il-mument is-sieq irħiet f'salt, b'saħħa, u ġara dak li ġara.

»In effetti l-espert innifsu kkonferma li fid-drabi kollha li huwa pprova din ir-rampa u l-molla, dawn dejjem ħadmu perfettament:

> »"Pero' meta jiena ppruvajtha qatt ma weħlitli."

»L-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tagħmel dan l-eżami kritiku għaliex stranament jidher li ma ħadet l-ebda konjizzjoni tax-xhieda ta' Steve Cutajar in kontro-eżami. Fil-fatt, filwaqt li ċċitat ix-xhieda tiegħu permezz tal-affidavit, u d-dikjarazzjoni, fil-verita' telegrafika, tiegħu lis-surġent Mizzi fl-intier tagħhom, lanqas biss aċċennat għall-fatt li lil dan ix-xhud sarlu kontro-eżami.

»Barra minn dawn l-elementi kollha hemm ukoll il-konklużjonijiet li wasal għalihom l-espert mekkaniku Philip Attard, nominat mill-Ewwel Qorti, fis-sens li:

> »"1. illi minn eżamijiet tekniċi rriżulta li nnotajt laxk, tgħawwiġ u daqqiet li jidhru li ġew ikkaġunati minn snin sħaħ ta' użu;
>
> »"2. illi saru manuvri tal-hymac JCB (chain driver) biex jitniżżel il-martell (pneumatic drill) fuq il-low loader li ħoloq kripazzjoni fuq in-naħa ta' wara fejn hemm is-sistema tal-molla b'mekkaniżmu li sservi ta' kontra piż;

»“3. illi l-marki li ġew innotati fuq it-tarmak ħdejn is-sieq tal-istess mekkaniżmu (ara pjanta tal-AIC Vella) ġew krejati bl-istess moviment;

»“4. illi fil-fehma tiegħi bil-krepazzjoni li nħolqot fuq is-sistema tal-molla, hemm possibilta’ kbira li weħlet għal mument, imbagħad sparat f’daqqa u kien b’hekk illi seta’ seħħ l-inċident fejn l-operatur Richard Attard kien il-vittma.”

»Anki hawnhekk, l-Ewwel Onorabbli Qorti rrimarkat biss dwar l-ewwel paragrafu tal-konklużjoni ta’ dan l-espert mekkaniku u injorat u ttraskurat għal kollox it-tieni paragrafu, fejn dan l-espert jgħid ċar u tond li kienet il-“krepazzjoni” fuq in-naħa ta’ wara tal-lowloader li kienet il-kaġun dirett tal-inċident. Il-fatt li dan l-espert imbagħad reġa’ rribadixxa din il-konklużjoni fir-raba’ paragrafu tar-rapport tiegħu jagħmel l-eżerċizzju mwettaq mill-Ewwel Qorti iktar u iktar inspjegabbli u misterjuż.

»Importanti li jiġi ssenjalat il-fatt li l-espert mekkaniku wettaq proprju l-eżerċizzju li l-esponenti kienu jistennew li jitwettaq mill-Ewwel Onorabbli Qorti, cjoe’ li evalwa l-konsegwenzi tal-manuvri li dwarhom xehed Steve Cutajar. Huwa qal hekk:

»“Qrajt sewwa r-rapporti fil-kawża. Fl-affidavit f’p. 13, 14 immarkat bħala Doc AR ta’ Steve Cutajar, ... jirriżulta li l-manuvri li saru mill-istess hymac (chain driver) minn pożizzjoni ċentrali għall-wara tal-imsemmi lowloader trailer biex tkun tista’ titniżżel il-martell (pneumatic drill) inħoloq kripazzjoni fuq il-parti ta’ wara tax-xellug fejn hemm il-mekkaniżmu tar-rampa ta’ madwar tmien piedi tul, li titniżżel u tittella’ manwalment bl-għajnuna ta’ kontra piż l-imsemmi mekkaniżmu. Il-probabbilta’ hi illi permezz tal-krepazzjoni fuq l-imsemmi mekkaniżmu sar tgħawwiġ li seta’ wassal għal twaħħil tal-molla li taħdem ġo ċilindru.”

»L-espert mekkaniku innota wkoll li “fir-rapport tal-Perit Guido Vella fil-p. 158 innutajt li ssemmew xi marki ta’ madwar 20 ċm sa 25 ċm fit-tarmak fil-pożizzjoni tal-imsemmi mekkaniżmu.”

»L-Ewwel Onorabbli Qorti skartat din il-konklużjoni tal-espert mekkaniku billi qalet sempliċement

»“Huwa minnu illi l-perit Guido Vella indika dent fl-art fejn kien hemm is-sieq ta’ din il-molla. Imma dan mhux neċessarjament ifisser li l-molla weħlet mal-art. Terġa’, ma kien hemm ebda sinjal simili taħt ir-rampa l-oħra, li wieħed jifhem li kien ikun hemm kieku il-JCB kien ġia beda jitniżżel fuq ir-rampi, jew iċċaqlaq bir-rampi mniżżlin, kif qed isostnu l-konvenuti.”

»Bir-rispett kollu dovut lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti din il-frażi turi li dik il-Qorti ma fehemet xejn mid-dinamika li wasslet għall-inċident. L-esponenti qed isostnu proprju minħabba l-fatt li l-hymac iċċaqlaq mill-pożizzjoni ċentrali tiegħu fuq il-lowloader, iċ-ċentru tal-gravita’ tal-lowloader ġie spustat lejn ix-xellug. Dan ifisser li filwaqt li żdied il-piż fuq ir-rampa tax-xellug, korrispettivament naqas il-piż fuq ir-rampa tal-lemin. Għalhekk it-teżi tagħhom hija proprju fis-sens li ma setax ikun hemm marki kkaġunati mir-rampa tan-naħa tal-lemin; u l-assenza ta’ dawn il-marki mir-rampa tal-lemin mhux biss ma sservix sabiex twaqqa’ t-teżi tagħhom, imma, għall-kuntrarju, issostniha. Il-fatt li l-hymac ġie spustat lejn ix-xellug tal-lowloader jirriżulta wkoll inkontrovertibbilment minn eżami komparattiv tar-ritratti eżebiti a fol.

130 u 134 rispettivament. L-ewwel ritratt juri li bejn il-ġenb-naħa tal-lemin tal-hymac u l-ġenb tal-lemin tal-lowloader hemm distanza ta' bejn wieħed u ieħor pied; mentri t-tieni ritratt juri li l-ġenb tax-xellug tal-hymac qiegħed kważi kważi jisporġi iktar il' barra mill-ġenb tax-xellug tal-lowloader innifsu.

»Dan l-isputament kien suffiċjenti sabiex il-piż fuq in-naħa tax-xellug tal-lowloader jiżdied kunsiderevolment meta mqabbel mal-piż fuq in-naħa tal-lemin; u konsegwentement it-tyres tan-naħa tax-xellug ġew ikkumpressati (compressed) u l-lowloader miel lejn ix-xellug. Biex jagħtu eżempju ta' kuljum: jekk wieħed jara bniedem (li jiżen ferm inqas minn hymac) dieħel f'karozza (li tiflaħ ferm inqas minn lowloader) jara viżibbilment il-vettura tmil lejn dik in-naħa li fiha jidħol il-bniedem. Din il-varjazzjoni fil-qagħda kienet suffiċjenti sabiex tinħoloq il-krepazzjoni fuq is-sieq b'mod li fejn qabel kienet sempliċement tistrieħ mat-triq, issa ġiet imwaħħla; u fejn qabel kienet titla' mingħajr diffikulta' b'effett tat-titligħ tar-rampa u l-kontro-piż, issa nħolqot resistenza li, meta ġiet eventwalment issuperata, ħolqot rebound effect b'applikazzjoni tal-liġi tal-fiżika li *every action produces an equal and opposite reaction*.

»U l-esponenti lanqas ma qegħdin jgħidu li kienet il-molla li weħlet mal-art: kienet is-sieq, simili għal dik li tidher fuq ir-ritratt a fol. 125, imma tan-naħa opposta, li weħlet mat-triq. Għaldaqstant il-kumment tal-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sens li l-marka nnotata mill-Perit Guido Vella "mhux neċessarjament ifisser li l-molla weħlet mal-art" tkompli tikkonferma l-malintiż kbir li taħtu ħadmet dik il-Qorti fir-redazzjoni tas-sentenza tagħha. Iktar importanti minn hekk, imbagħad, il-provi kollha juru li kienet is-sieq tar-rampa, u xejn iktar, li ħalliet il-marka fit-triq. Minn banda, il-fatt li l-marka qegħda eżattament fil-parti mit-triq fejn kien hemm is-sieq imwaħħla, u illi l-marka kienet waħda friska jinkwadra l-inċident fil-parametri ta' res ipsa loquitur; u mill-banda l-oħra, ma ġie ħadd 'il quddiem li irnexxilu jagħti jew anki jippruva jagħti xi spjegazzjoni oħra, kemm plawżibbli kemm jekk mhix, ta' kif din il-marka ġiet fit-triq.

»Fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti jisħqu li ma jistax jiġi konkluż u deċiż li l-attur irnexxielu jipprova l-każ tiegħu fuq bilanċ ta' probabbilta', u għalhekk għandu jiġi applikat il-prinċipju bażilari fis-sistema ġuridiku ta' pajjiżna.

»Huwa għalhekk sottomess bir-rispett li l-apprezzament tal-fatti li wettqet dik il-Qorti huwa fundamentalment skorrett u għandu jiġi skartat minn din l-Onorabbli Qorti.

»Huwa l-attur li għandu jinżamm unikament responsabbli għall-inċident li sfortunatament huwa spiċċa vittma tiegħu.

»Kien id-dover tiegħu li jeżerċita xogħolu b'attenzjoni u diliġenza. Huwa kien ilu snin jaħdem fl-istess mestjier u għalhekk kura u attenzjoni normali għal xogħolu kienu jgħallmuh u jimponulu li:

»i. ir-rampa u l-molla jaħdmu bis-sistema ta' kontro-piż;

»ii. din is-sistema kienet normalment taħdem mingħajr il-ħtieġa ta' saħħa żejda;

»iii. mill-banda l-oħra ċertament ma huwiex konsiljabbli li t-tagħbija li jkun hemm fuq il-lowloader tiċċaqlaq minn postha bejn il-mument li fih

jintiżżlu r-rampi u l-mument li l-operatur jiġi biex itellagħhom lura f'posthom, għaliex dan ser joħloq krepazzjoni fuq il-mekkaniżmu;

»iv. prudenza normali, imbagħad, kienet titlob li jekk l-operatur jiltaqa' ma' resistenza iktar min-normal x'ħin jiġi biex itella' r-rampa lura f'postha, huwa ma jibqax jippersisti u juża saħħa iktar min-normal, imma jsejjaħ għajnuna mingħand nies addestrati biżżejjed sabiex jifhmu kemm is-sors tal-problema kif ukoll l-aħjar soluzzjoni għaliha; u

»v. jekk, imbagħad, l-attur ikun injora dawn is-sinjali kollha u rnexxielu jtella' r-rampa bl-użu ta' livell ta' forza ogħla min-normal, il-prudenza kienet tiddettalu li jallontana ruħu mir-rampa u mill-molla, bħal ma għamel Steve Cutajar, u mhux jibqa' fil-viċinanzi tagħha u fid-direzzjoni tal-perikolu.

»Huwa minnu li f'dan il-każ partikolari, l-attur sab l-għajnuna ta' persuna oħra, preċiżament lil Steve Cutajar, sabiex itella' r-rampa f'postha. Imma dan Cutajar la kien impjegat tal-esponent, u lanqas kien persuna addestrata sabiex issolvi problemi ta' dan it-tip.

»Il-preżenza ta' Steve Cutajar fuq il-post jidher li kienet il-fattur determinanti li wassal għall-inċident: mingħajr l-assistenza tiegħu, Attard ma kienx jirnexxilu jtella' r-rampa f'postha waħdu. Infatti, Cutajar innifsu jgħid li kien meħtieġ sforz kbir ta' tnejn min-nies sabiex tittela' din ir-rampa:

»...

»Jidher li l-attur ġie indott f'sens ta' sigurta' falza bil-preżenza u l-għajnuna ta' Cutajar. Madankollu, dan kollu ma jistax jippenalizza lill-esponenti. Ħadd minnhom ma kien jaf, jew seta' jkun jaf, jew seta' jobsor li Attard kien ser jirrikorri għall-għajnuna mingħand persuna totalment estraneu għalihom. L-oneru kien fuq l-attur, u ħadd iktar, li ma jinvolvix lil persuni estranei għall-kumpannija li magħha kien impjegat fl-eżekuzzjoni tax-xogħol affidat lilu. U dan japplika b'mod speċjali jekk, bħal fil-każ odjern, huwa ma kienx fi grad li jwettaq dak ix-xogħol waħdu, meta normalment dak ix-xogħol kien normalment jirrikjedi biss l-involviment ta' persuna waħda.

»Diversi drabi, il-Qorti affermat il-prinċipju li kull ħaddiem għandu d-dmir li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir skont l-artikolu 7(1) tal-Att ta' l-Awtorita' għas-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta). Għalkemm min iħaddem għandu numru ta' responsabilitajiet fil-konfront tal-impjegati tiegħu, dan ma jfissirx li dawn l-impjegati huma bla obbligi u responsabbilta' għas-sigurta' personali tagħhom. Kull ħaddiem għandu joqgħod attent u juża d-diliġenza fuq il-post tax-xogħol biex ma jpoġġix il-ħajja u s-saħħa tiegħu u ta' nies oħra fil-periklu.

»Għaldaqstant l-attur kien obbligat li jkun responsabbli għas-sigurta' persunali tiegħu. F'dan il-każ l-attur naqas milli jieħu l-miżuri għas-sigurta' personali billi l-prudenza kienet tiddettalu li, bħal ma għamel Steve Cutajar, jallontana ruħu mir-rampa u mill-molla, u mhux jibqa' fil-viċinanzi tagħha u fid-direzzjoni tal-perikolu.

»...

»Huwa sottomess li dan il-każ japplika iktar u iktar perfettament għal dak odjern għaliex għalkemm l-attur iltaqa' ma resistenza iktar min-

normal x'ħin ġie biex itella' r-rampa lura f'postha, hu ma użax id-diliġenza mistennija minn persuna li kien ilha snin taħdem fl-istess mestjier. Kieku uża prudenza normali hu ma kienx jibqa' jippersisti u juża saħħa iktar min-normal, imma kien jsejjaħ għajnuna mingħand nies addestrati biżżejjed sabiex jifhmu kemm is-sors tal-problema kif ukoll l-aħjar soluzzjoni għaliha.

»Għaldaqstant, ma jistax jingħad li kien tort tal-esponenti li l-attur ma eżerċitax il-kura u l-attenzjoni normali mistennija minn persuna li għandha l-esperjenza għax ilha snin taħdem fl-istess mestjier. L-esponenti ma setgħux jipprevedu l-aġir tal-attur u ma setgħux jipprevedu li meta l-attur kien se jara li hemm bżonn għajnuna ta' persuna oħra, hu kien se jitlob tali għajnuna minn persuna li mhux impjegata tal-kumpanija u lanqas hi addestrata.

»U anki jekk, fl-aħjar ipoteżi għall-attur, u għall-grazzja tal-argument biss, jista' jingħad li l-esponenti kkontribwiet b'xi mod u manjiera għal dan l-inċident, huwa sottomess bir-rispett li l-kontribuzzjoni da parti tagħha għall-inċident kienet waħda ta' importanza ferm iżgħar mill-kontribuzzjoni tal-attur innifsu.«

9. Wara li qieset l-argumenti kollha mressqin mill-appellanti u wara li fliet ukoll l-atti proċesswali kollha, din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-kawża tal-inċident kienet in-nuqqas ta' manutenzjoni fuq ir-rampa tan-naħa tax-xellug tat-*trailer.* Likieku s-soċjeta' appellanti għamlet il-manutenzjoni neċessarja fuq l-imsemmija rampa matul is-snin, il-mekkaniżmu tal-kontro-piż tagħha kien jiffunzjona b'mod tajjeb fil-jum meta seħħ l-inċident, il-molla ma kinitx teħel u l-inċident x'aktarx li kien jiġi evitat.

10. Il-provi tekniċi li tressqu waqt is-smigħ tal-kawża kif ukoll dawk li tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja fl-inkjesta dwar il-korriment ta' Richard Attard juru li l-inċident x'aktarx li seħħ minħabba l-ħsara li kien fiha r-rampa tan-naħa tax-xellug tat-*trailer*, u illi din il-ħsara x'aktarx seħħet wara ħafna snin ta' użu (*wear and tear*) tal-istess rampa. Din il-ħsara kienet tikkonsisti f'tgħawwiġ li kien hemm fis-*swivels* u fiċ-ċappetti

tar-rampa tan-naħa tax-xellug tat-*trailer* u kien hemm ukoll nuqqas ta' *lubrication* fuq ir-rampa tan-naħa tax-xellug.

11. Is-Sur Joseph Zammit – l-espert tekniku / mekkaniku li tqabbad mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja fl-inkesta maġisterjali hawn fuq imsemmija u li aċċeda fuq il-post fejn seħħ l-inċident fit-30 ta' Novembru 2000 flimkien ma' esperti oħra fosthom il-perit Guido Vella maħtur mill-maġistrat inkwirenti – ikkonferma b'mod ċar li:

    a. Kien hemm tgħawwiġ fis-*swivels* u fiċ-ċappetti fuq ir-rampa tan-naħa tax-xellug tat-*trailer*, u dan it-tgħawwiġ ma setax seħħ riċentement;

    b. B'konsegwenza ta' dan it-tgħawwiġ, is-*swivels u ċ-ċappetti* tar-rampa tan-naħa tax-xellug tat-*trailer* ma ffunzjonawx b'mod tajjeb. Ir-rampa tan-naħa tax-xellug ma niżlitx kif suppost, bil-kontra piż tal-*main spring,* minħabba t-tgħawwiġ fis-*swivels* u ċ-ċappetti tagħha[2] u minħabba n-nuqqas ta' *lubrication* fuq ir-rampa tan-naħa tax-xellug.[3] Hu fil-fatt qal li l-parti fejn l-aktar kienet teħtieġ il-*lubrication* – il-*hinges* jew ċappetti – kienet xotta għal kollox.[4]

12. Fir-relazzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2000 qal hekk:

---

[2] Il-molla in kwistjoni tagħmel ix-xogħol ta' kontra-piż. Din weħlet kaġun tat-tgħawwiġ fis-*swivels* u ċ-ċappetti tagħha, li skond l-imsemmi perit tekniku, ma seħħx kaġun tal-inċident. Ara *foll.* 175, 176, 180, 187 tal-proċess.

[3] Ara *foll.* 176, 177, 181 tal-proċess.

[4] Ara *fol*. 177 tal-proċess.

»L-esponent innota li fuq ir-rampa tan-naħa tal-lemin ma kien jinsab l-ebda ħsara fuqha imma fuq din tan-naħa tax-xellug innota li kienet tinsab bi ħsara konsistenti f'tgħawwiġ fuq il-partijiet fejn jinsabu s-swivels. Din ir-rampa taħdem b'sistema ta' bilanċ li huwa provdut minn molla ta' saħħa kbira (*coil spring*) sabiex l-istess molla tgħin meta din tkun qed titniżżel jew tintrefa' ir-rampa. Is-sistema ta' tlugħ u nżul tar-rampi hija waħda li titħaddem manwalment billi tinġibed u tintrefa' minn persuna.

»Fuq ir-rampa tan-naħa tax-xellug, kien jinsab tgħawwiġ, liema tgħawwiġ seta' seħħ fuqu b'xi daqqa, imma mhux riċentement. Din id-daqqa effetwat is-*swivel* (jew ċappetta) li għandha ir-rampa.

»...

»Fl-opinjoni tal-esponent dan l-inċident seħħ wara li l-midrub kien niżżel ir-rampa tan-naħa tax-xellug, u din ma niżlitx kif suppost bil-kontra piż tal-*main spring*, u din, minħabba it-tgħawwiġ fis-*swivels* u iċ-ċappetti tagħha, weħlet għal mument u f'daqqa waħda nqalgħet u b'ħasda kbira telgħet 'il fuq u tajret magħha lill-istess Richard Attard.

»...

»L-esponent jissottometti li l-inċident seħħ minħabba li għal mument weħlet il-*coil spring* tar-rampa tax-xellug, liema molla hija ta' saħħa kbira u isservi bħala kontra piż biex titla' u tinżel ir-rampa. Din weħlet minħabba it-tgawwiġ u d-daqqiet li hemm fuq l-istess rampa tax-xellug. F'daqqa waħda l-molla nqalgħet mit-twaħħil tagħha u telgħet vjolentement u laqtet u tellgħet magħha lill-istess Richard Attard.«[5]

*13.* Fil-konklużjonijiet tiegħu l-perit tekniku / mekkaniku Joseph Zammit reġa' tenna illi "*mill-eżamijiet tekniċi li ... għamel fuq dawn ir-rampi, instab li fuq ir-rampa tax-xellug, fuq iċ-ċappetti u is-swivel tagħha, instab tgħawwiġ ikkaġunat minn daqqa jew daqqiet fuqu li dan seta' effetwa il-funzjoni tagħha*"[6] u li fil-fehma tiegħu *"l-inċident ġara billi l-molla ta' saħħa kbira li tinsab armata fuq wara sabiex terfa' u tieħu il-piż massimu ... minħabba it-tgħawwiġ fiċ-ċappetti weħlet u f'daqqa waħda u vjolentement telgħet u ħadet magħha lill-istess Richard Attard."*[7]

[5] Ara *foll.* 187, 188, 189 tal-proċess. Ara wkoll *foll.* 175, 176 tal-proċess.
[6] Ara *foll.* 192, 193 tal-proċess.
[7] Ara fol. 193 tal-proċess. Ara wkoll *foll.* 177, 180, 186 tal-proċess.

14. L-istess perit tekniku fil-fatt ordna lis-soċjeta' appellanti sabiex l-imsemmi *trailer* ma jintużax qabel ma l-ħsara li fiha r-rampa tan-naħa tax-xellug tiġi rranġata, u dan sabiex ma jseħħx xi inċident ieħor simili.[8]

15. Perit tekniku ieħor, li tqabbad mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja fl-inkjesta maġisterjali, kien il-perit Guido Vella A.I.Ċ. Dan aċċeda fuq il-post fejn seħħ l-inċident fid-29 ta' Novembru 2000 u fit-30 ta' Novembru 2000, u qabel mal-konklużjonijiet li wasal għalihom l-espert tekniku Joseph Zammit.

16. Fil-fatt, wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja ġiet ippreżentata bil-konklużjonijiet peritali u l-provi miġbura mill-esperti nominati mill-maġistrat inkwirenti l-istess qorti nnotat illi "l-inċident illi fih safa korrut b'mod gravi l-imsemmi Richard Attard seħħ minħabba difetti jew ħsarat fis-sistema li bih jitniżżlu u jittellgħu r-rampi tat-trailer li jġorr il-makkinarju magħruf bħala *JCB* jew *Hymac* tad-ditta li magħha kien impjegat l-istess Richard Attard u cioe' s-soċjeta' Road Construction Company Limited".[9] Ipprovdiet ukoll illi "*il-fatt li molla ta' waħda minnhom u cioe' dik tax-xellug riżultat difettuża tista' tkun kaġun ta' nuqqas ta' manutenzjoni tal-apparat li jintuża fix-xogħol tal-kostruzzjoni ta' din il-kumpanija; infatti l-espert mekkaniku nnota diversi daqqiet u tgħawwiġiet fuq ir-rampa difettuża naturalment ikkaġunati minn snin sħaħ ta' użu.*"[10]

[8] Ara fol. 189 tal-proċess. Ara wkoll fol. 176 tal-proċess.
[9] Ara fol. 341 tal-proċess.
[10] Ara fol. 341 tal-proċess.

17. Kien għalhekk li l-istess qorti kkonkludiet illi "*jeżistu raġunijiet biżżejjed għaliex għandhom jittieħdu proċeduri kontra d-diretturi ta' din il-kumpannija li mill-provi miġbura jidher illi dakinhar tal-inċident in kwistjoni kienu Joe Grima u Victor Hili u dana sabiex iwieġbu għall-akkużi li minħabba nuqqas ta' manutenzjoni tajba fil-makkinarju proprjeta' tal-kumpanija mmexxija minnhom ġie kkaġunat l-inċident in kwistjoni li fih safa ferut b'mod gravi l-imsemmi Richard Attard*."[11]

18. L-espert mekkaniku Philip Attard – li ġie nominat mill-ewwel qorti "*sabiex jeżamina it-trailer (Low Loader) li kien imqabbad ma' horse truck li kien involut fl-inċident tad-29 ta' Novembru 2000 li fih korra gravi Richard Attard ta' 45 sena*"[12] – ukoll qabel ma' ħafna mill-konklużjonijiet li wasal għalihom il-perit tekniku / mekkaniku Joseph Zammit, fosthom illi:

    a. Kien hemm tgħawwiġ fuq iċ-ċappetti u s-*swivels* tar-rampa tan-naħa tax-xellug;[13]

    b. "*Xi ħaġa li tintuża fuq xogħlijiet għal heavy equipment trid tkun manutenzjonata;*"[14] u

    c. L-inċident ġie kkawżat minħabba "*stress mill-makkinarju... fuq din il-parti ta' kontra piż*."[15] Fisser illi "*bil-kripazjoni li nħolqot fuq is-sistema tal-molla, hemm possibilta' kbira li weħlet għal*

---

[11] Ara *foll.* 341, 342 tal-proċess.
[12] Ara fol. 449 tal-proċess.
[13] Ara *foll.* 487, 488 tal-proċess.
[14] Ara fol. 491 tal-proċess.
[15] Ara fol. 492 tal-proċess.

*mument, imbagħad sparat f'daqqa u kien b'hekk illi seta seħħ l-inċident fejn l-operatur Richard Attard kien il-vittma*;"[16]

d. Huwa possibbli li l-inċident seħħ minħabba t-tgħawwiġ fuq iċ-ċappetti u s-*swivels* tar-rampa tan-naħa tax-xellug.[17] Dwar dan qal hekk fix-xhieda tiegħu mogħtija in eskussjoni fl-1 ta' Ġunju 2011:

> »Bħala... bniedem tekniku u tlajt u għadni sal-ġurnata tal-lum tekniku, f'kollox irid isir manutenzjoni u anki f'toaster illi tniżżilha u ttellagħha kull filgħodu għat-toast irid irid manutenzjoni għax meta ma tinżilx one in a million, one in a million, qed ngħidlek meta, meta ma tinżilx u inti tibda tippressa u dan tista' taħraqlek il-kċina u r-riżultat x'ikun? kollox maħruq u x'ġara mit-toaster, one in a million li weħlet, … «[18]

19. Madanakollu, din il-qorti tosserva illi l-perit mekkaniku Philip Attard m'eskludiex għal kollox illi l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni seta' seħħ tort tal-attur. Hu fil-fatt ġibed l-attenzjoni tal-qorti illi "kien hemm xi marki fuq it-tarmac"[19] u li skond hu, "*sinjal li kien hemm xi manuvri ...*"[20] *Qal ukoll illi "x'ħin kien hemm il-manuvri biex wieħed [l-attur] ipoġġi l-martell fejn ried ipoġġieh hu, inħolqot din il-pressjoni fuq dik il-parti illi hemm il-molla...*"[21]

20. Għalkemm il-perit mekkaniku Philip Attard ma eskludiex li l-inċident seta' seħħ minħabba nuqqas ta' manutenzjoni tar-rampa tan-naħa tax-xellug tat-*trailer*, kif fil-fatt ikkonkludew l-esperti tekniċi ta' qablu (li ġew nominati mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja fl-inkjesta maġisterjali), dan donnu m'eskludiex lanqas li l-

[16] Ara fol. 451 tal-proċess.
[17] Ara fol. 498 tal-proċess. Ara wkoll *foll.* 492, 497, 499 tal-proċess.
[18] Ara fol. 499 tal-proċess.
[19] Ara fol. 498 tal-proċess.
[20] Ara fol. 498 tal-proċess.
[21] Ara fol. 496 tal-proċess.

inċident seta' seħħ minħabba manuvra ta' ċaqliq tal-*hymac* li ssarrfet f'tibdil fil-firxa tat-tagħbija fuq il-*lowloader*. Fi kliem ieħor, il-perit mekkaniku donnu jimplika li l-inċident li fih korra l-attur appellat seta' seħħ minħabba l-fatt li l-istess attur appellat ma poġġiex il-*hymac* preċiżament fl-istess pożizzjoni li kienet fiha qabel fuq il-*lowloader* u kien għalhekk li kien hemm marki fuq it-*tarmak* ħdejn is-sieq tal-istess mekkaniżmu.[22]

21. Fir-rikors tal-appell l-appellanti fil-fatt isostnu illi:

> »... ... L-esponenti qed isostnu li proprju minħabba l-fatt li l-*hymac* iċċaqlaq mill-pożizzjoni ċentrali tiegħu fuq il-*lowloader*, iċ-ċentru tal-gravita' tal-*lowloader* ġie spustat lejn ix-xellug. Dan ifisser li filwaqt li żdied il-piż fuq ir-rampa tax-xellug, korrispettivament naqas il-piż fuq ir-rampa tal-lemin. Għalhekk it-teżi tagħhom hija proprju fis-sens li ma setax ikun hemm marki kkaġunati mir-rampa tan-naħa tal-lemin ... ... ...
>
> »Dan l-ispustament kien suffiċjenti sabiex il-piż fuq in-naħa tax-xellug tal-*lowloader* jiżdied kunsiderevolment meta mqabbel mal-piż fuq in-naħa tal-lemin. U konsegwentement it-*tyres* tan-naħa tax-xellug ġew ikkumpressati (*compressed*) u l-*lowloader* miel lejn ix-xellug. Biex jagħtu eżempju ta' kuljum: jekk wieħed jara bniedem (li jiżen ferm inqas minn *lowloader*) jara viżibbilment il-vettura tmil lejn dik in-naħa li fiha jidħol il-bniedem. Din il-varjazzjoni fil-qagħda kienet suffiċjenti sabiex tinħoloq il-krepazzjoni fuq is-sieq b'mod li fejn qabel kienet sempliċement tistrieħ mat-triq, issa ġiet imwaħħla; u fejn qabel kienet titla' mingħajr diffikulta' b'effett tat-titligħ tar-rampa u l-kontro-piż, issa nħolqot resistenza li, meta ġiet eventwalment issuperata ħolqot rebound effect b'applikazzjoni tal-liġi tal-fiżika li *every action produces an equal and opposite reaction*.« [23]

22. Għalkemm ix-xhieda hawn fuq imsemmija tal-perit mekkaniku Philip Attard qajmet dubju f'għajnejn il-qorti dwar ir-raġuni għaliex seħħ l-inċident – *i.e.* jekk seħħx minħabba xi manuvra li għamel l-istess attur appellat jew inkella jekk seħħx minħabba nuqqas ta' manutenzjoni da parti tas-soċjeta' appellanti tal-imsemmija rampa

[22] Ara fol. 451 tal-proċess.
[23] Ara *foll.* 696, 697 tal-proċess.

tan-naħa tax-xellug – fil-fehma ta' din il-qorti dan id-dubju ma jistax iwassalha sabiex tikkonkludi li l-kawża prossima tal-imsemmi inċident kienet din il-manuvra li għamel l-attur appellat, u dan minħabba dawn ir-raġunijiet:

a. Iż-żewġ periti tekniċi l-oħra[24] qablu li l-kawża prossima tal-inċident kienet in-nuqqas ta' manutenzjoni tar-rampa tan-naħa tax-xellug u mhux xi manuvra li għamel l-attur appellat. Peress li huma aċċedew fuq il-post fejn seħħ l-inċident fl-istess ġurnata meta seħħ jew ġurnata wara – u mhux sitt snin wara li seħħ – fil-fehma ta' din il-qorti huma kienu fl-aħjar posizzjoni sabiex jiddeterminaw x'kienet il-kawża prossima tal-inċident. Likieku dehrilhom li l-marki fuq it-*tarmac* kienu ġew ikkrejati minħabba l-fatt li l-*hymac* iċċaqlaq mill-posizzjoni ċentrali tiegħu fuq il-*lowloader* – u għalhekk iċ-ċentru tal-gravita' tal-*lowloader* ġie spustat lejn ix-xellug u żdied il-piż fuq ir-rampa tax-xellug – kienu jgħidu hekk fir-relazzjonijiet peritali tagħhom;

b. Il-perit tekniku Joseph Żammit fisser illi "*jekk kemm-il darba sar xi moviment bil-JCB fuq it-trailer, ir-rampa ma teħilx imma tibbawnsja (it bounces)*."[25] Qal ukoll illi r-rampa teħel biss "*għax ikun hemm difett;*"[26]

c. Meta ġie mistoqsi jekk l-attur għamilx xi manuvra ħażina li minħabba fiha weħel il-fus, l-espert mekkaniku Philip Attard wieġeb hekk:

---

[24] L-espert tekniku Joseph Zammit u l-perit tekniku Guido Vella A.I.C.
[25] Ara fol. 179 tal-proċess.
[26] Ara fol. 180 tal-proċess.

»Ma nistax, jiena nistax ngħidlek li Richard Attard għamel xi ħaġa ħażina, … dan jopera kontra piż rampi li naħseb li uża mhux l-ewwel darba, użahom kemm-il darba...« [27]

L-espert mekkaniku għalhekk ma kkonfermax, b'mod ċar, illi fil-fehma tiegħu l-attur appellat għamel manuvra ħażina u kienet minħabba din il-manuvra ħażina li seħħ l-inċident. Anzi, fl-istess xhieda tiegħu mogħtija quddiem l-ewwel qorti fl-1 ta' Ġunju 2011 in eskussjoni qal li l-manuvra li għamel l-attur kienet "normali." F'din ix-xhieda tiegħu qal hekk:

»Avukat: Il-manuvra illi għamel Richard, il-manuvra illi saret allura kienet waħda normali li għamel Richard Attard, il-manuvra li għamel kienet waħda normali li ssir fl-użu normali ta' dan il-makkinarju?

»Xhud: Biex iniżżel equipment li jkun fuq it-trailer mal-JBC, naħseb irid jimmanuvra, jimmanuvra biex iniżżilha, bilfors irid...

»Avukat: Jiġifieri kienet waħda normali?

»Xhud: Kienet normali

»...

»Xhud: Fil-fehma tiegħi kienet normali, jekk immanuvraha, jekk niżżel il-martell dak il-ħin …«[28]

d. L-istess espert mekkaniku m'eskludiex illi l-mekkaniżmu tal-kontra-piż tar-rampa tan-naħa tax-xellug seta' weħel minħabba t-tgħawwiġ, daqqiet u laxk li kien hemm fuq iċ-ċappetti u s-*swivel* tar-rampa tan-naħa tax-xellug li, fi kliemu stess, "*jidhru li ġew ikkaġunati minn snin sħaħ ta' użu*." [29] Fix-xhieda tiegħu hu qal hekk:

»... ... ... Fil-fatt il-perit li mar qabli u jiena mort wara, ħafna wara, ipprova jniżżel u jtellagħha u ma weħlitx, ma weħel xejn, imma mhux qed nikkonkludi, mhux qed neskludi li kellha teħel.

»...

[27] Ara fol. 493 tal-proċess.
[28] Ara *foll.* 496, 497 tal-proċess.
[29] Ara fol. 450 tal-proċess.

»Staqsejtni x'seta' ġara jekk ikun hemm, ma' xiex weħlet jew setgħet weħlet, jew setgħet weħlet, jew ma' xiex weħlet, bħal qed tgħidli inti, dan il-mekkaniżmu, dan il-mekkaniżmu huwa kontra piż maħdum b'molla, maħdum b'sieq biex tkun taħt ir-rampa, issa l-perit ta' qabli tellagħha u niżżilha kemm-il darba u ma weħlitx, x'seta' ġara, x'seta' ġara, seta' daqsxejn wear and tear, dan ma kinitx ġdid, lanqas kieku ikun ġdid, daqsxejn gap 'l hawn u 'l hemm ikun hemm, issa weħlet, bħala mekkaniżmu li huwa kontra piż li hemm molla applikata ġo fih, dan sfortunatament setgħet weħlet, setgħet weħlet għax iż-żmien għadda minn fuq l-oġġett, ikun hemm wear and tear ...« [30]

e. Meta seħħ l-inċident l-attur appellat kien impjegat ta' esperjenza. Kien ilu jaħdem mas-soċjeta' appellanti għal ħames snin. Fuq dan ix-xogħol ta' sewqan ta' *heavy vehicles* u *machinery* hu qatt ma kellu l-ebda inċident fuq ix-xogħol u kien imdorri jagħmel dan ix-xogħol;[31]

f. Għalkemm ix-xhud indipendenti Steve Cutajar [32] – li kien għen lill-attur appellat sabiex tittella' r-rampa tan-naħa tax-xellug tat-*trailer* – sostna li s-sieq weħlet mat-triq "għaliex l-alignment tal-piż inbidel fuq it-trakk" [33] ma tressqu l-ebda provi li juru li dan ix-xhud huwa espert f'dan il-qasam u li l-opinjoni tiegħu, għalhekk, tikkostitwixxi prova teknika. Fil-fatt għalkemm jidher li dan ix-xhud indipendenti kien jaħdem mas-soċjeta' appellanti għal madwar sena u nofs,[34] ma jidhirx illi x-xogħol tiegħu kien jikkonsisti fl-istess xogħol li kien jagħmel l-attur appellat mas-soċjeta' appellanti. Fix-xhieda tiegħu mogħtija fil-25 ta' Lulju 2013 quddiem l-ewwel qorti hu qal hekk:

[30] Ara fol. 497 tal-proċess.
[31] Ara fol. 341 tal-proċess. Ara wkoll fol. 517 tal-proċess.
[32] L-inċident in kwistjoni rah għaliex ġara quddiemu. Ara fol. 13 tal-proċess.
[33] Ara fol. 536 tal-proċess.
[34] Ara fol. 13 tal-proċess.

»Avukat: Għax kont taħdem magħhom. U pero' xogħol bħal dan li ttella' r-rampa, kemm-il darba għamiltu qabel?

»Xhud Steve Cutajar: Ma nistax ngħid bl-eżatt. Ma nafx bl-eżatt. Ma nafx.

»Assistent Ġudizzjarju: Imma spiss jew?

»Xhud: Spiss le, mhux spiss, għax ma kienx xogħli, ma kienx xogħli. Forsi ġieli kont, jien naf, jekk ir-roler kien ikun Chambray.

»Assistent Ġudizzjarju: Imma kont għamiltu?

»Xhud: Ġieli jgħidulek tagħtini daqqa t'id ħa ntella' r-rampa ħa mmur.« [35]

Ix-xhieda li ta dan ix-xhud indipendenti quddiem l-ewwel qorti u dak li kkostata l-perit mekkaniku Philip Attard fir-relazzjoni peritali tiegħu u fix-xhieda tiegħu mogħtija in eskussjoni għalhekk, fil-fehma ta' din il-qorti, ma jistgħux iwassluha sabiex tiddipartixxi mill-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti fis-sens li l-kawża prossima tal-inċident kienet in-nuqqas ta' manutenzjoni tar-rampa tan-naħa tax-xellug fuq it-*trailer* mertu tal-proċeduri odjerni.

g. Is-Sur Lawrence Cachia – Spettur fi ħdan il-*Health and Safety Department* li kien aċċeda fuq il-post fejn seħħ l-inċident fit-30 ta' Novembru 2000 (l-għada li seħħ l-inċident)[36] – ikkonferma li s-*swivel* tar-rampa tan-naħa tax-xellug kien mgħawweġ meta rah u li dan suppost jkun "*fil-posizzjoni dritta tiegħu*".[37] Id-dipartiment m'eskludiex li l-inċident li fih korra l-attur appellat seta' ġara minħabba difetti li rriżultaw fl-imsemmi *swivel* tar-

[35] Ara *foll.* 569, 570 tal-proċess.
[36] Ara fol. 152 tal-proċess.
[37] Ara fol. 155 tal-proċess.

rampa tan-naħa tax-xellug. Fl-ittra tal-1 ta' Diċembru 2000 id-dipartiment qal hekk:

> »Reference is made to an inspection carried out yesterday in connection with an injury sustained by Mr. Richard Attard ... at Triq tal-Latini Għajnsielem. May I remind you of your legal obligations to safeguard the health, safety and welfare of your employees as laid down in Act VII of 1994 and other relevant legislation. Without prejudice to any action which may be taken in this regard the following preventative measures are to be implemented without undue delay.
>
> »Ensure that the low loader used in connection with this accident be given attention. In particular the spring loaded ramp, as verbally communicated to you and Mr. J. Grima during our inspection.
>
> »You are to repair or replace the main shaft ramp bearing, align the supporting arm (left side). Furthermore these ramps must always be fully locked when transportation is taking place. ..« [38]

23. L-aħħar argument li tressaq mill-appellanti f'dan l-ewwel aggravju tagħhom huwa fis-sens li peress li s-sistema tal-kontro-piż fuq ir-rampa tan-naħa tax-xellug kienet normalment taħdem mingħajr il-ħtieġa ta' saħħa żejda[39] "*prudenza normali...*" kienet titlob li jekk l-operatur jiltaqa' ma resistenza iktar min-normal x'ħin jiġi biex itella' r-rampa lura f'postha, huwa ma jibqax jippersisti u juża saħħa iktar min-normal, imma jsejjaħ għajnuna mingħand nies addestrati biżżejjed sabiex jifhmu kemm is-sors tal-problema kif ukoll l-aħjar soluzzjoni għaliha. [40] Isostnu wkoll illi għalkemm f'dan il-każ partikolari l-attur appellat sab l-għajnuna ta' persuna oħra, preċiżament l-għajnuna ta' Steve Cutajar, sabiex itella' r-rampa

[38] Ara fol. 163 tal-proċess.

[39] Skond is-soċjeta' appellanti normalment dan ix-xogħol kien jirrikjedi biss l-involviment ta' persuna waħda.

[40] Skond is-soċjeta' appellanti għalkemm l-attur appellat iltaqa' ma' resistenza aktar min-normal x'ħin ġie biex itella' r-rampa lura f'postha hu ma użax id-diliġenza mistennija minn persuna li ilha snin taħdem fl-istess mestjier. Kieku uża prudenza normali ma kienx jibqa' jippersisti u juża saħħa iktar min-normal.

f'postha, *"dan Cutajar la kien impjegat tal-esponenti, u lanqas kien persuna addestrata sabiex isolvi problemi ta' dan it-tip"*. [41] Iżidu jgħidu li l-attur appellat kien imissu allontana ruħu mir-rampa u mill-molla u ma kellux jibqa' fil-viċinanzi tagħha.

24. Din il-qorti ma taqbilx ma' dawn l-argumenti tal-appellanti. Għalkemm huwa minnu li l-attur iltaqa' ma' resistenza akbar mis-soltu meta ġie biex itella' r-rampa tan-naħa tax-xellug[42] u għalkemm huwa minnu wkoll li l-istess attur aċċetta l-għajnuna ta' Steve Cutajar sabiex tittella' l-imsemmija rampa, matul l-andament tal-inkjesta maġisterjali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja rriżulta li l-attur appellat ma kellux għalfejn jissuspetta li kien hemm xi ħsara fis-sistema ta' dawn ir-rampi.[43] Ix-xhud Steve Cutajar ikkonferma wkoll li din ma kinitx l-ewwel darba li xi ħadd talbu għall-għajnuna sabiex itellgħu r-rampa tat-*trailer,* u għalhekk ma jistax jingħad li l-mossa li għamel l-attur appellat meta talab l-għajnuna ta' Steve Cutajar kienet waħda straordinarja. Fix-xhieda tiegħu mogħtija fil-25 ta' Lulju 2013 hu qal hekk:

> »Ġieli jgħidulek tagħtini daqqa t'id ħa ntella' r-rampa ħa mmur.«[44]

25. Fid-dawl tas-suespost din il-qorti taqbel ma' dak li pprovdiet l-ewwel qorti illi:

> »Kollox jindika għalhekk li l-kawża ta' dan l-inċident kienet in-nuqqas ta' manutenzjoni fuq ir-rampa tax-xellug ta' dan it-trailer u l-

---

[41] Skond is-soċjeta' appellanti l-preżenza ta' Steve Cutajar fuq il-post fejn seħħ l-inċident kienet il-fattur determinanti li wassal għall-inċident. Mingħajr l-assistenza tiegħu ma kienx jirnexxielu jtella' r-rampa f'postha waħdu.
[42] Ara wkoll fol. 537 tal-proċess.
[43] Ara fol. 341 tal-proċess.
[44] Ara fol. 570 tal-proċess.

mekkaniżmu tal-kontro-piż tagħha. Ma jfisser xejn li inċident bħal dak in eżami qatt ma kien seħħ qabel, għax kif qalet il-Qorti tal-Appell, "...l-abbuż tal-bwona fortuna fl-imgħoddi ma jistax jiġġustifika n-non-kuranza tal-preżent ..."[45]

»In vista' ta' dan, ma tħossx li tista' tiġi attribwita ebda negliġenza jew nuqqas ta' ħila fil-konfront tal-attur. Dan kien ilu impjegat mas-soċjeta' konvenuta f'dan ix-xogħol għal iżjed minn erba' snin u ċertament kien jaf il-mestier tiegħu sew.

»F'dawn iċ-ċirkostanzi hija l-fehma ta' din il-Qorti li għal dan l-inċident taħti unikament is-soċjeta' konvenuta li naqset li tassikura li l-inġenji li bihom kellhom jaħdmu l-impjegati tagħha jkunu miżmuma fi stat tajjeb ta' manutenzjoni biex jiġi assikurat li ma jkunux ta' perikolu għalihom.«[46]

26. L-ewwel aggravju tal-appell, għalhekk, mhux ser jintlaqa'.

27. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju li bih l-appellanti jsostnu li "id-dewmien fis-smigħ u deċiżjoni tal-kawża odjerna kien maġġorment dovut lill-attur innifsu, u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni l-għala f'dan il-każ ma jiġix applikat is-solitu tnaqqis minħabba l-lump sum payment". Ifissru dan it-tieni aggravju hekk:

»L-Ewwel Onorabbli Qorti kellha dan xi tgħid sabiex tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha li ma tapplikax it-tnaqqix minħabba l-lump sum payment:

»Normalment jitnaqqas is-solitu kwint (1/5) minħabba l-lump sum payment, pero' tenut kont it-dewmien sabiex tinqata' din il-kawża, bl-ebda ħtija tal-atturi, hija l-fehma ta' din il-Qorti li issam'għandu jinqata xejn mis-somma dovuta għal dan il-fini.

»Fl-umli fehma tal-esponenti, din il-kunsiderazzjoni hija fattwalment skorretta.

»Ħarsa, anki superfiċjali biss, lejn il-verbali tal-udjenzi quddiem il-Qorti u tas-seduti quddiem l-Assistent Ġudizzjarju turi li l-maġġor parti tad-dewmien, jekk mhux ukoll id-dewmien kollu, kien dovut lill-atturi nfushom u lil ħadd iktar:

»1. L-attur impenja xejn inqas minn tnax-il sena ta' tiġbid sabiex jikkonkludi l-ġbir tal-provi.

»2. Effettivament kien biss fl-4 ta' Novembru 2011 li huwa ressaq l-aħħar affidavit tiegħu (fol. 510).

---

[45] Il-fatt li l-molla u r-rampa dejjem ħadmu perfettament wara li seħħ l-inċident ma jfissirx neċessarjament illi l-istess inċident ma seħħx minħabba n-nuqqas ta' manutenzjoni. Kif qal l-espert mekkaniku maħtur mill-ewwel qorti, l-perit tekniku Philip Attard, dan l-inċident seta' kien każ li jiġri darba f'mitt qamar jew "*one in a million.*" Ara *foll.* 492, 499 tal-proċess.

[46] Ara fol. 682 tal-proċess.

»3. Fil-perijodu bejn il-preżentata tal-kawża u l-għeluq tal-ġbir tal-provi mill-attur, il-kawża għamlet żmien wieqfa minħabba li l-attur u martu kienu għaddejjin minn proċedura ta' separazzjoni (ara verbali tas-seduti tat-28 ta' Ottubru 2009 – fol. 374); illi minħabba dawn il-proċeduri, id-diskussjonijiet bejn l-attriċi u l-esponenti ma setgħux jiġu finalizzati (fol. 376); għaddew diversi xhur sakemm l-attur ħallas jew irranġa sabiex jitħallas ir-rapport tal-periti ġudizzjarji (sa minn qabel is-seduta tat-12 ta' April 2007 fol. 313, sa almenu s-seduta tat-2 ta' Diċembru 2009 fol. 376). Fuq din l-aħħar kwistjoni kien biss fit-22 ta' Frar 2010 li l-attur ippreżenta rikors sabiex jitlob direzzjoni dwar il-ħlas tar-rapport tal-esperti ġudizzjarji (fol. 379).

»4. Jirriżulta li kien biss fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2012 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju li l-attur iddikjara l-istadju tal-ġbir tal-provi tiegħu magħluq (fol. 512).

»5. L-esponenti għalqu l-istadju tal-ġbir tal-provi tagħhom fi ftit iktar minn sena wara dan il-verbal (seduta tal-25 ta' April 2013 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju – fol. 558).

»6. Minn hemm l-attur ħela sentejn oħra sabiex huwa jwettaq ri-eżami tax-xhud Steve Cutajar (seduta tal-25 ta' April 2013 – fol. 558) minkejja li dakinhar stess li sarlu l-kontro-eżami, fil-31 ta' Mejju 2012, kienu ġa sarulu domandi in ri-eżami, liema ri-eżami sar fil-25 ta' Lulju 2013.

»7. Fit-2 ta' April 2014 (fol. 588) il-kawża baqgħet differita għat-28 ta' Mejju 2014 għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet da parti tal-attur. Imma donnu li l-attur nesa dan kollu, għaliex tmien xhur wara (fol. 600) l-attur iddikjara li jrid jirregola ruħu in vista tal-kawżi kriminali li hemm pendenti kontra tiegħu (li inċidentalment ma kienet tirrigwarda xejn lill-esponenti imma kienet riżultat ta' litiġji u diverbji bejnu, martu l-familja tagħha). L-attur finalment ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fit-2 ta' Settembru 2015 (fol. 614) – kważi sena u nofs wara l-ewwel verbal li permezz tiegħu ġie awtorizzat jippreżenta tali nota.

»8. B'risposta għal din in-nota, l-esponenti ħadu l-bellezza ta' inqas minn xahar u nofs sabiex jippreżentaw in-nota tagħhom (fis-16 ta' Ottubru 2015 – fol. 644).

»L-esponenti jemmnu li dawn il-fatti proċesswali għandhom juru oltre kull dubju raġjonevoli jew dettat mir-raġuni li, jekk kien hemm dewmien fis-smigħ ta' din il-kawża, dan id-dewmien jista' jiġi imputat lill-attur, imma ċertament mhux lilhom: minn total ta' iktar minn erbatax-il sena u nofs sabiex ingħatat is-sentenza, l-esponenti impjegaw total ta' inqas minn sena u nofs fil-ġbir tal-provi tagħhom u preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom.

»Għaldaqstant ir-raġunament tal-Ewwel Onorabbli Qorti dwar id-dewmien biex tiġi deċiża l-kawża "mingħajr ebda ħtija tal-atturi" mhux biss huwa fattwalment skorrett imma effettivament issarraf f'penalizzazzjoni tagħhom minħabba nuqqasijiet tal-attur.«

28. Fil-każ tat-tnaqqis bħala *lump sum payment*, skond kriterju li ġie mistħarreġ mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Joseph Agius *v.* All Services Ltd deċiża fit-2 ta' Ġunju 2005:

> »f'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni, pero', tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-perċentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati li, jekk kawża iddum aktar minn sentejn, il-perċentaġġ jonqos b'żewġ punti għall-kull sena oħra li l-kawża iddum biex tiġi deċisa.«

29. Huwa ritenut ukoll li dan it-tnaqqis għandu jibda jiġi kkalkolat minn meta tiġi intavolata l-kawża u mhux minn meta seħħ l-inċident sakemm tingħata s-sentenza finali.

30. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, peress li l-kawża ġiet intavolata fis-27 ta' Frar 2001 u ser tingħata sentenza finali llum, wara għoxrin sena, din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis minħabba l-fatt li l-attur appellat ser jitħallas il-kumpens mistħoqqlu għad-danni li ġarrab riżultat tal-inċident tad-29 ta' Novembru tas-sena 2000 mingħand is-soċjeta' appellanti bħala *lump sum payment.* Wara kollox, għal dawn is-snin kollha s-soċjetà konvenuta żammet f'idejha u ħadet il-benefiċċju ta' flus li kienu jmissu lill-attur, u l-attur ma huwa sejjer jieħu ebda benefiċċju illi jieħu bil-quddiem dħul tal-ġejjieni; fil-fatt sejjer jieħu parti minnu b'lura mhux bil-quddiem!.

31. Għaldaqstant, u għar-raġunijiet mogħtija, din il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti tal-24 ta' Novembru 2015 *in toto*.

32. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel istanza kif ukoll tal-appell, iħallsuhom il-konvenuti appellanti.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da